

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1347

tat-13 ta' Lulju 2017

li jikkoreġi d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 ta' XXX li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 692/2008

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 8 u 14(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi ("Direttiva Kwadru")⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 39(2) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2007/46/KE tistabbilixxi qafas għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi. Diversi elementi f'dak il-qafas, b'mod partikolari dawk marbuta mad-dokument ta' informazzjoni tal-manifattur, ir-rapporti tat-testijiet, iċ-ċertifikat ta' konformità u l-kundizzjonijiet tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jiġu adattati sabiex iqisu r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 il-ġdid⁽⁴⁾.
- (2) Ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 jeżiġu, rispettivament, li l-vetturi ħfief u l-vetturi heavy duty il-ġodda jkunu konformi ma' ċerti limiti ta' emissjonijiet u jistabbilixxu rekwiżiti addizzjonali dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura.

⁽¹⁾ ĠUL 171, 29.6.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 263, 9.10.2007, p. 1.

⁽³⁾ ĠUL 188, 18.7.2009, p. 1.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 692/2008 (ĠUL 175, 7.7.2017, p. 1).

- (3) Fir-rigward ta' vetturi heavy-duty, ċerti dispożizzjonijiet tekniċi speċifiċi meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 595/2009 ġew adottati permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 ⁽¹⁾. Diversi żbalji tekniċi fl-Anness I u II tar-Regolament (UE) Nru 582/2011 jeħtieġ li jiġu kkoreġuti sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni korretta tiegħu.
- (4) Fir-rigward ta' vetturi ħfief, ċerti dispożizzjonijiet tekniċi speċifiċi meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 ġew adottati permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 ⁽²⁾ u r-Regolament (UE) 2017/1151. Permezz ta' emenda tar-Regolament (KE) Nru 692/2008, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1221 ⁽³⁾ introduċa proċedura ġdida għall-emissjonijiet evaporattivi. Ir-Regolament (UE) 2017/1151 għamel il-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip konformi mal-Proċedura ta' Ttestjar Armonizzata fuq Livell Dinji għall-Vetturi Ħfief (WLTP) kif stabbilita fir-Regolament Tekniku Globali (GTR) Nru 15 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE).
- (5) Fir-rigward tal-proċedura l-ġdida għall-ittestjar tal-emissjonijiet evaporattivi, id-data tal-applikazzjoni tal-emendi introdotti permezz tar-Regolament (UE) 2017/1221 għandha tiġi ċċarata. Il-proċedura l-ġdida tal-ittestjar għandha ssir obbligatorja fl-Unjoni għall-approvazzjonijiet tat-tip il-ġodda kollha u għall-ewwel reġistrazzjoni ta' vetturi mill-1 ta' Settembru 2019.
- (6) Fir-rigward tal-proċedura l-ġdida tad-WLTP, diversi żbalji tekniċi fl-Artikoli 2, 15 u l-Annessi I, IIIA, V, VII, VIII, XII u XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151 jeħtieġ li jiġu kkoreġuti sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni korretta tiegħu.
- (7) Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet tal-familja tal-matriċi tat-tagħbija fit-triq tal-proċedura għall-ittestjar tad-WLTP għandhom jiġu ċċarati.
- (8) Il-korrezzjonijiet previsti minn dan ir-Regolament huma intrinsikament marbuta peress li fit-totalità tagħhom biss jiżguraw l-applikazzjoni korretta tal-miżuri għall-approvazzjoni tat-tip rispettivi.
- (9) B'konsegwenza ta' dan, id-Direttiva 2007/46/KE, ir-Regolament (UE) Nru 715/2007, ir-Regolament (UE) Nru 582/2011, ir-Regolament (UE) 2017/1221 u r-Regolament (UE) 2017/1151 għandhom jiġu kkoreġuti skont dan.
- (10) Minħabba l-ħtieġa li jkun żgurat li r-Regolament (UE) 2017/1221 u r-Regolament (UE) 2017/1151 jiġu applikati b'mod korrett, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ b'urġenza.
- (11) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Tekniku — Vetturi bil-Mutur.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Korrezzjoni tad-Direttiva 2007/46/KE

L-Annessi I, VIII, IX, u XI tad-Direttiva 2007/46/KE huma kkoreġuti skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Korrezzjoni tar-Regolament (UE) Nru 582/2011

L-Annessi I, II u X tar-Regolament (UE) Nru 582/2011 huma kkoreġuti skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u li jemenda l-Annessi I u III għad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 167, 25.6.2011, p. 1).

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 tat-18 ta' Lulju 2008 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura (ĠU L 199, 28.7.2008, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1221 tat-22 ta' Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 692/2008 fir-rigward tal-metodoloġija għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet evaporattivi (test tat-Tip 4) (ĠU L 174, 7.7.2017, p. 3).

Artikolu 3

Korrezzjoni tar-Regolament (UE) 2017/1221

Fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/1221, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“Għandu jibda japplika mill-1 ta’ Settembru 2019.”.

Artikolu 4

Korrezzjoni tar-Regolament (UE) 2017/1151

Ir-Regolament (UE) 2017/1151 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 3 jinbidel b’dan li ġej:

“(3) ‘odometru’ tfisser strument li jindika lis-sewwieq id-distanza totali misjuqa mill-vettura sa mill-produzzjoni tagħha;”;

(b) il-punt 33 huwa mħassar;

(c) il-punti 47 u 48 jinbidlu b’dan li ġej:

“(47) ‘*tank b’saff wieħed*’ tfisser tank tal-fjuwil magħmul minn saff wieħed ta’ materjal, ħlief tank tal-metall, iżda li jinkludi materjali fluworurati/sulfonati;

(48) ‘*tank b’ħafna saffi*’ tfisser tank tal-fjuwil magħmul b’minn tal-inqas żewġ saffi differenti ta’ materjal u wieħed minnhom ikun materjal ta’ lqugħ għall-idrokarburi;”

(d) jiżdied il-punt 49 li ġej:

“(49) ‘kategorija ta’ inerzja’ tfisser kategorija ta’ mases tat-test tal-vettura li jikkorrispondu għal inerzja ekwivalenti kif stabbilit fit-Tabella A4a/3 tal-Anness 4a tar-Regolament Nru 83 tal-NU/KEE, meta din il-massa tat-test tkun daqs il-massa ta’ referenza.”

(2) L-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 jinbidlu b’dan li ġej:

“2. B’effett mill-1 ta’ Settembru 2017 fil-każ ta’ vetturi tal-kategoriji M1, M2 u tal-kategorija N1 tal-klassi I, u mill-1 ta’ Settembru 2018 fil-każ ta’ vetturi tal-kategorija N1 tal-klassijiet II u III u ta’ vetturi tal-kategorija N2, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw, abbażi ta’ raġunijiet marbutin mal-emissjonijiet jew mal-konsum ta’ fjuwil, milli jagħtu approvazzjoni tat-tip KE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali, fir-rigward ta’ tipi ġodda ta’ vetturi li ma jkunux konformi ma’ dan ir-Regolament.

Għall-approvazzjonijiet tat-tip il-ġodda mitluba qabel l-1 ta’ Settembru 2019 il-proċedura għall-ittestjar tal-emissjonijiet evaporattivi stabbilita fl-Anness 7 tar-Regolament Nru 83 tal-NU/KEE tista’, fuq it-talba tal-manifattur, tiġi applikata minflok il-proċedura stabbilita fl-Anness VI ta’ dan ir-Regolament għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet evaporattivi ta’ vettura.

3. B’effett mill-1 ta’ Settembru 2018 fil-każ ta’ vetturi tal-kategoriji M1, M2 u tal-kategorija N1 tal-klassi I, u mill-1 ta’ Settembru 2019 fil-każ ta’ vetturi tal-kategorija N1 tal-klassijiet II u III u ta’ vetturi tal-kategorija N2, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, abbażi ta’ raġunijiet marbutin mal-emissjonijiet jew mal-konsum ta’ fjuwil, fir-rigward ta’ vetturi ġodda li ma jkunux konformi ma’ dan ir-Regolament, jikkunsidraw li ċ-ċertifikati tal-konformità ma għadhomx aktar validi għall-finijiet tal-Artikolu 26 tad-Direttiva 2007/46/KE u għandhom jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta’ tali vetturi.

Għall-vetturi l-ġodda rreġistrati qabel l-1 ta’ Settembru 2019, il-proċedura għall-ittestjar tal-emissjonijiet evaporattivi stipulata fl-Anness 7 tar-Regolament Nru 83 tal-NU/KEE tista’, fuq it-talba tal-manifattur, tiġi applikata minflok il-proċedura stabbilita fl-Anness VI ta’ dan ir-Regolament għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet evaporattivi ta’ vettura.”

(b) il-paragrafu 5(a) jinbidel b'dan li ġej:

“(a) it-testijiet tat-tip 1/I imwettqa skont l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 692/2008 sa tliet snin wara d-dati speċifikati fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 għandhom jiġu rikonoxxuti mill-awtorità tal-approvazzjoni għall-finijiet tal-produzzjoni ta' komponenti ddeterjorati jew difettużi li jissimulaw ħsarat għall-valutazzjoni tar-rekwiżiti tal-Anness XI ta' dan ir-Regolament;”

(c) jiżdied il-paragrafu 5(c) li ġej:

“(c) id-dimostrazzjonijiet tad-durabilità fejn l-ewwel test tat-tip 1/I ġie mwettaq u tlesta skont l-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 692/2008 sa tliet snin wara d-dati speċifikati fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 għandhom ikunu rikonoxxuti mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni bħala ekwivalenti għall-finijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Anness VII ta' dan ir-Regolament;”

(3) L-Annessi I, IIIA, V, VI, VII, VIII, XII u XXI huma kkoreġuti skont l-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX I

Id-Direttiva 2007/46/KE qed tiġi kkoreġuta kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 3.2.12.2.1.3 jinbidel b'dan li ġej:

“3.2.12.2.1.3. Tip ta' azzjoni katalitika: ... (ossidizzanti, tridirezzjonali, nassa tal-NOx f'taħlita fqira, SCR, katalizzatur tal-NOx f'taħlita fqira jew oħra);”

(b) In-numru tal-punt 3.2.12.7.6.3 għandu jinbidel f'3.2.12.2.7.6.3

(c) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

“3.5.7.2.1.1.0. Vettura “High” (NEDC): g/km”

“3.5.7.2.1.2.0. Vettura “Low” (jekk applikabbli) (NEDC): g/km”

“3.5.7.2.2.1.0. Vettura “high” (NEDC): g/km”

“3.5.7.2.2.2.0. Vettura “Low” (jekk applikabbli) (NEDC): g/km”

“3.5.7.2.2.3.0. Vettura M (jekk applikabbli) (NEDC): g/km”

“3.5.7.2.3.1.0. Vettura “high” (NEDC): g/km”

“3.5.7.2.3.2.0. Vettura “Low” (jekk applikabbli) (NEDC): g/km”

“3.5.7.2.3.3.0. Vettura M (jekk applikabbli) (NEDC): g/km”.

(2) L-Anness VIII huwa emendat kif ġej:

(a) fit-tabella “Test tal-Korrezzjoni tat-Temperatura Ambjentali (ATCT)” fil-punt 2.1.1 il-kolonna “Familja tal-matriċi tat-tagħbija fit-triq” hija mħassra;

(b) it-tielet tabella fil-punt 3.1 bil-kolonna “Identifikatur tal-Familja ta' Matriċi tat-Tagħbija fit-Triq” u “Varjant/verżjoni” hija mħassra;

(c) il-kolonna “Identifikatur tal-Familja ta' Matriċi tat-Tagħbija fit-Triq” fir-raba' tabella “Riżultati” fil-punt 3.1 hija mħassra;

(d) fil-qiegħ tat-tabella “Riżultati”, fil-punt 3.1, tiżdied ir-ringiela li ġejja:

“L-erja frontali (m ²) (għal vetturi tal-familja tal-matriċi tat-tagħbija fit-triq biss)”			
---	--	--	--

(e) in-nota ta' qiegħ il-paġna 23 fil-punt 3.1 hija mħassra;

(f) l-aħħar linja fil-punt 3.1 taħt it-tabella “Riżultati” tinbidel kif ġej:

“Irrepeti għal kull familja tal-interpolazzjoni.”;

(g) it-tielet tabella fil-punt 3.2, bil-kolonna “Identifikatur tal-Familja ta' Matriċi tat-Tagħbija fit-Triq” u “Varjant/verżjoni” huma mħassra;

(h) il-kolonna “Identifikatur tal-Familja ta' Matriċi tat-Tagħbija fit-Triq” fir-raba' tabella “Riżultati” fil-punt 3.2 hija mħassra;

(i) l-aħħar ringiela tat-tabella “Riżultati” fil-punt 3.2 tinbidel kif ġej:

“L-erja frontali (m ²) (għal vetturi tal-familja tal-matriċi tat-tagħbija fit-triq biss)”			
---	--	--	--

(j) it-tielet tabella fil-punt 3.3, bil-kolonna “Identifikatur tal-Familja ta' Matriċi tat-Tagħbija fit-Triq” u “Varjant/verżjoni” hija mħassra;

(k) il-kolonna “Identifikatur tal-Familja ta' Matriċi” fir-raba' tabella “Riżultati” fil-punt 3.3 hija mħassra;

- (l) l-aħħar ringiela tat-tabella “Riżultati” fil-punt 3.3 tinbidel b’dan li ġej:

“L-erġa frontali (m ²) (għal vetturi tal-familja tal-matriċi tat-tagħbija fit-triq biss)”			
---	--	--	--

- (m) il-punt 3.5 jinbidel b’dan li ġej:

“3.5. Ir-rapport(i) tal-output mill-għodda ta’ korrelazzjoni skont ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2017/1151.

Irrepeti għal kull familja ta’ interpolazzjoni.

Identifikatur tal-familja ta’ interpolazzjoni [Nota f’qiegħ il-paġna: “Numru tal-Approvazzjoni tat-Tip + Numru tas-Sekwenza tal-Familja tal-Interpolazzjoni”]: ...

Rapport tal-VH: ...

Rapport tal-VL (jekk applikabbli): ...

- 3.5.1. Fattur ta’ devjazzjoni (jekk applikabbli)

Irrepeti għal kull familja ta’ interpolazzjoni.

Identifikatur tal-familja ta’ interpolazzjoni [Nota f’qiegħ il-paġna: “Numru tal-Approvazzjoni tat-Tip + Numru tas-Sekwenza tal-Familja tal-Interpolazzjoni”]: ...

- 3.5.2. Fattur ta’ verifika (jekk applikabbli)

Irrepeti għal kull familja ta’ interpolazzjoni.

Identifikatur tal-familja ta’ interpolazzjoni [Nota f’qiegħ il-paġna: “Numru tal-Approvazzjoni tat-Tip + Numru tas-Sekwenza tal-Familja tal-Interpolazzjoni”]: ...”.

- (3) L-Anness IX huwa emendat kif ġej:

- (a) Fil-Parti II, *Vetturi Mhux Kompluti, in-Naħa 2*, “Kategorija tal-vettura M1”, “Kategorija tal-vettura N1”, “Kategorija tal-vettura M2” u “Kategorija tal-vettura N2” il-punt 49 jinbidel b’dan li ġej:

“49 Emissjonijiet ta’ CO₂/konsum ta’ fjuwil/konsum ta’ enerġija elettrika ^(m) ^(l):

1. Is-sistemi tal-motopropulsjoni kollha, ħliet vetturi purament elettriċi (jekk applikabbli)

Valuri tal-NEDC	Emissjonijiet ta’ CO ₂	Konsum tal-fjuwil
Kundizzjonijiet urbani ^(l) :	... g/km	... l/100 km jew m ³ /100 km jew kg/100 km ^(l)
Kundizzjonijiet ekstraurbani ^(l) :	... g/km	l/100 km jew m ³ /100 km jew kg/100 km ^(l)
Ikkombinati ^(l) :	... g/km	... l/100 km jew m ³ /100 km jew kg/100 km ^(l)
Ippeżati ^(l) , ikkombinati	... g/km	l/100 km jew m ³ /100 km jew kg/100 km
Fattur ta’ devjazzjoni (jekk applikabbli)		
Fattur ta’ verifika (jekk applikabbli)	‘1’ jew ‘0’	

2. Vetturi purament elettriċi u vetturi elettriċi ibridi OVC (jekk applikabbli)

Il-konsum tal-enerġija elettrika (ippeżat, ikkombinat ^(l))		... Wh/km
Awtonomija elettrika		... km

3. Vettura mgħammra b'ekoinnovazzjoni(jiet): iva/le ⁽¹⁾
- 3.1. Il-kodiċi ġenerali tal-ekoinnovazzjoni(jiet) ^(p1): ...
- 3.2. L-emissjonijiet totali ta' CO₂ iffrankati mill-ekoinnovazzjoni(jiet) ^(p2) (irrepeti għal kull fjuwil ittestjat):
 - 3.2.1. Iffrankar tal-NEDC: ...g/km (jekk applikabbli)
 - 3.2.2. Iffrankar tad-WLTP: ...g/km (jekk applikabbli)
4. Is-sistemi tal-motopropulsjoni kollha, ħlief vetturi purament elettriċi, skont ir-Regolament (UE) 2017/1151 (jekk applikabbli)

Valuri tad-WLTP	Emissjonijiet ta' CO ₂	Konsum tal-fjuwil
Baxxa ⁽¹⁾ :	... g/km	l/100 km jew m ³ /100 km jew kg/100 km ⁽¹⁾
Medja ⁽¹⁾ :	... g/km	l/100 km jew m ³ /100 km jew kg/100 km ⁽¹⁾
Għolja ⁽¹⁾ :	... g/km	l/100 km jew m ³ /100 km jew kg/100 km ⁽¹⁾
Għolja Ħafna ⁽¹⁾ :	... g/km	l/100 km jew m ³ /100 km jew kg/100 km ⁽¹⁾
Ikkombinati:	... g/km	l/100 km jew m ³ /100 km jew kg/100 km ⁽¹⁾
Ippeżati, ikkombinati ⁽¹⁾	... g/km	l/100 km jew m ³ /100 km jew kg/100 km ⁽¹⁾

5. vetturi purament elettriċi u vetturi elettriċi ibridi OVC, skont ir-Regolament (UE) 2017/1151 (jekk applikabbli)

5.1. Vetturi purament elettriċi

Konsum ta' enerġija elettrika		... Wh/km
Awtonomija elettrika		... km
Awtonomija elettrika f'belt		... km

5.2. Vetturi elettriċi ibridi OVC

Konsum ta' enerġija elettrika (ECAC _{AC,ippeżat})		... Wh/km
Awtonomija elettrika (EAER)		... km
Awtonomija elettrika f'belt (EAER city)		... km";

- (b) Fil-parti I, *Vetturi Komplet u Kompluti, in-Naħa 2*, "Kategorija tal-vettura M3" u "Kategorija tal-vettura N3", u fil-parti II, *Vetturi Mhux Kompluti, in-Naħa 2*, "Kategorija tal-vettura M3" u "Kategorija tal-vettura N3", il-punt 47.1 jitħassar.
- (c) Fil-parti I, *Vetturi Komplet u Kompluti, in-Naħa 2*, "Kategorija tal-vettura M2" u "Kategorija tal-vettura N2", u fil-Parti II, *Vetturi Mhux Kompluti, in-Naħa 2*, "Kategorija tal-vettura M2" u "Kategorija tal-vettura N", tizzied referenza għan-nota ta' spjegazzjoni ⁽ⁱ⁾ mal-punt 47.1.

Ir-Regolament (UE) Nru 582/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Anness I, l-Appendiċi 9 jinbidel b'dan li ġej:

“Appendiċi 9

Sistema ta' Numerazzjoni taċ-Ċertifikazzjoni tal-Approvazzjoni tat-Tip tal-KE

It-Taqsim 3 tan-numru tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE maħruġ skont l-Artikoli 6(1), 8(1) u 10(1) għandha tkun komposta min-numru tal-att regolatorju implimentattiv jew mill-aktar att regolatorju ta' emenda riċenti applikabbli għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE. In-numru għandu jkun segwit minn ittra alfabetika li tirrifletti r-rekwiżiti tas-sistemi OBD u SCR skont it-Tabella 1.

Tabella 1

Karat-tru	NO _x OTL ⁽¹⁾	PM OTL ⁽²⁾	CO OTL ⁽⁶⁾	IUPR ⁽¹³⁾	Il-kwalità tar-reaġent	Monitoraġġ addizzjonali tal-OBD ⁽¹²⁾	Rekwiżiti tal-limitu tal-potenza ⁽¹⁴⁾	Dati tal-implimentazzjoni: tipi ġodda	Dati tal-implimentazzjoni: il-vetturi kollha	L-aħħar data ta' reġistrazzjoni
A ⁽⁹⁾ ⁽¹⁰⁾ B ⁽¹⁰⁾	Ir-ringiela “Perjodu tad-dħul gradwali” tat-Tabella 1 jew tat-Tabella 2	Monitoraġġ tal-Prestazzjoni ⁽³⁾	Mhux Applikabbli	Dħul gradwali ⁽⁷⁾	Dħul gradwali ⁽⁴⁾	Mhux Applikabbli	20 %	31.12.2012	31.12.2013	31.8.2015 ⁽⁹⁾ 30.12.2016 ⁽¹⁰⁾
B ⁽¹¹⁾	Ir-ringiela “Perjodu tad-dħul gradwali” tat-Tabelli 1 u 2	Mhux Applikabbli	Ir-ringiela “Perjodu tad-dħul gradwali” tat-Tabella 2	Mhux Applikabbli	Dħul gradwali ⁽⁴⁾	Mhux Applikabbli	20 %	1.9.2014	1.9.2015	30.12.2016
C	Ir-ringiela “Rekwiżiti ġenerali” tat-Tabella 1 jew tat-Tabella 2	Ir-ringiela “Rekwiżiti ġenerali” tat-Tabella 1	Ir-ringiela “Rekwiżiti ġenerali” tat-Tabella 2	Ġenerali ⁽⁸⁾	Ġenerali ⁽⁵⁾	Iva	20 %	31.12.2015	31.12.2016	31.8.2019
D	Ir-ringiela “Rekwiżiti ġenerali” tat-Tabella 1 jew tat-Tabella 2	Ir-ringiela “Rekwiżiti ġenerali” tat-Tabella 1	Ir-ringiela “Rekwiżiti ġenerali” tat-Tabella 2	Ġenerali ⁽⁸⁾	Ġenerali ⁽⁵⁾	Iva	10 %	1.9.2018	1.9.2019	

Kliem ewlieni:

⁽¹⁾ Ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ tal-“NO_x OTL” kif stipulati fit-Tabella 1 tal-Anness X għal magni u vetturi bi tqabbid bil-kompressjoni u li jużaw żewġ tipi ta' fjuwil u fit-Tabella 2 tal-Anness X għal magni u vetturi bi tqabbid bl-ispark plaggs.

⁽²⁾ Ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ tal-“PM OTL” kif stipulati fit-Tabella 1 tal-Anness X għal magni u vetturi bi tqabbid bil-kompressjoni u li jużaw żewġ tipi ta' fjuwil.

⁽³⁾ Ir-rekwiżiti tal-“Monitoraġġ tal-prestazzjoni” kif stipulati fil-punt 2.1.1 tal-Anness X.

⁽⁴⁾ Ir-rekwiżiti tad-“dħul gradwali” tal-kwalità tar-reaġent kif stipulati fil-punt 7.1 tal-Anness XIII.

⁽⁵⁾ Ir-rekwiżiti “ġenerali” tal-kwalità tar-reaġent kif stipulati fil-punt 7.1.1 tal-Anness XIII.

⁽⁶⁾ Ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ “CO OTL” kif stipulati fit-Tabella 2 tal-Anness X għal magni u vetturi bi tqabbid bl-ispark plaggs.

⁽⁷⁾ Ir-rekwiżiti IUPR tad-“Dħul gradwali” kif stipulati fit-Taqsim 6 tal-Anness X.

⁽⁸⁾ Ir-rekwiżiti “ġenerali” IUPR kif stipulati fit-Taqsim 6 tal-Anness X.

⁽⁹⁾ Għal magni bi tqabbid bl-ispark plaggs u vetturi mgħammra b'tali magni.

⁽¹⁰⁾ Għal magni bi tqabbid bil-kompressjoni u li jużaw żewġ tipi ta' fjuwil u vetturi mgħammra b'tali magni.

⁽¹¹⁾ Applikabbli biss għal magni bi tqabbid bl-ispark plaggs u vetturi mgħammra b'tali magni.

⁽¹²⁾ Id-dispożizzjonijiet addizzjonali dwar ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-paragrafu 2.3.1.2 tal-Anness 9 A tar-Regolament Nru 49 tal-NU/KEE.

⁽¹³⁾ L-ispeċifikazzjonijiet tal-IUPR huma stabbiliti fl-Anness X. Magni u vetturi bi tqabbid bl-ispark plaggs mgħammra b'tali magni mhumix soġġetti għall-IUPR.

⁽¹⁴⁾ Ir-rekwiżiti ISC stabbiliti fl-Appendiċi 1 tal-Anness II.

Mhux Applikabbli

Mhux applikabbli”.

(2) Fl-Anness II, fl-Appendiċi 1, il-punt 1. jinbidel b'dan li ġej:

“1 INTRODUZZJONI

Dan l-Appendiċi jiddeskrivi l-proċedura li permezz tagħha jiġu determinati l-emissjonijiet gassużi minn kejl imwettaq fuq il-vettura waqt li qiegħda fit-triq bl-użu ta' Sistemi ta' Kejl tal-Emissjonijiet li Jistgħu Jinġarru (minn hawn 'il quddiem imsejħa “PEMS”). L-emissjonijiet niġġiesa li għandhom jitkejlu mill-egżost tal-magna jinkludu l-komponenti li ġejjin: il-monossidu tal-karbonju, it-total ta' idrokarburi u tal-ossidi tan-nitroġenu għal magni bi tqabbid bil-kompressjoni u l-monossidu tal-karbonju, l-idrokarburi nonmetaniċi, il-metan u l-ossidi tan-nitroġenu għal magni bi tqabbid bl-ispark plaggs. Barra minn hekk, għandu jitkejjel id-dijossidu tal-karbonju biex ikunu jistgħu jsiru l-proċeduri ta' kalkolazzjoni deskritti fit-Taqsima 4.

Għall-magni li jieħdu fjuwil tal-gass naturali, il-manifattur, is-servizz tekniku jew l-awtorità tal-approvazzjoni jistgħu jagħżlu li jkejlu l-emissjonijiet totali tal-idrokarburi (THC) biss minflok ikejlu l-emissjonijiet tal-idrokarburi metaniċi u nonmetaniċi. F'dak il-każ, il-limitu tal-emissjonijiet għat-total tal-emissjonijiet tal-idrokarburi huwa l-istess bħal dak speċifikat fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 595/2009 għall-emissjonijiet metaniċi. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-Fatturi tal-Konformità skont il-punti 4.2.3 u 4.3.2 ta' dan l-Appendiċi, il-limitu applikabbli għandu jkun il-limitu tal-emissjonijiet metaniċi biss.

Għall-magni li jieħdu fjuwil tal-gass li mhux gass naturali, il-manifattur, is-servizz tekniku jew l-awtorità tal-approvazzjoni jistgħu jagħżlu li jkejlu l-emissjonijiet totali tal-idrokarburi (THC) minflok ikejlu l-emissjonijiet tal-idrokarburi nonmetaniċi. F'dak il-każ, il-limitu tal-emissjonijiet għat-total tal-emissjonijiet tal-idrokarburi huwa l-istess bħal dak speċifikat fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 595/2009 għall-emissjonijiet nonmetaniċi. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-Fatturi tal-Konformità skont il-punti 4.2.3 u 4.3.2 ta' dan l-Appendiċi, il-limitu applikabbli għandu jkun il-limitu tal-emissjonijiet nonmetaniċi biss.”.

(3) Fl-Anness X, il-punt 2.4.1.3 jinbidel b'dan li ġej:

“2.4.1.3. L-istandard OBD Euro 6 — 2 fit-Tabella 1 tal-Appendiċi 6 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 692/2008 għandu jitqies ekwivalenti għall-ittri C u D tat-Tabella 1 tal-Appendiċi 9 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.”.

—

Ir-Regolament (UE) 2017/1151 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-punt 2.4, l-Illustrazzjoni I.2.4 tinbidel b'dan li ġej:

"Illustrazzjoni I.2.4

L-applikazzjoni tar-rekwiżiti tat-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip u għall-estensjonijiet

Kategorija tal-vettura	Vetturi b'magni b'positive ignition, inklużi ibridi ⁽¹⁾								Vetturi b' magni b'compres- sion ignition, inklużi ibridi	Vetturi pura- ment elettriċi	Vetturi biċ- ċellola tal- fjuwil tal- idroġenu
	Monofjuwil				Bifjuwil ⁽²⁾				Flex fuel ⁽³⁾		
Fjuwil ta' referenza	Petrol (E10)	LPG	NG/Bijome- tan	Idroġenu (ICE)	Petrol (E10)	Petrol (E10)	Petrol (E10)	Petrol (E10)	Diżil (B7) ⁽⁵⁾	—	Idroġenu (Ċellula tal- Fjuwil)
					LPG	NG/Bijome- tan	Idroġenu (ICE) ⁽⁴⁾	Etanol (E85)			
Inkwinanti gassużi (Test tat-Tip 1)	Iva	Iva	Iva	Iva ⁽⁴⁾	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva	—	—
PM (Test tat-Tip 1)	Iva ⁽²⁾	—	—	—	Iva ⁽²⁾ (petrol biss)	Iva ⁽²⁾ (petrol biss)	Iva ⁽²⁾ (petrol biss)	Iva ⁽²⁾ (iż-żewġ fjuwils)	Iva	—	—
PN	Iva ⁽²⁾	—	—	—	Iva ⁽²⁾ (petrol biss)	Iva ⁽²⁾ (petrol biss)	Iva ⁽²⁾ (petrol biss)	Iva ⁽²⁾ (iż-żewġ fjuwils)	Iva	—	—
Inkwinanti gassużi, RDE (Test tat-Tip 1 A)	Iva	Iva	Iva	Iva ⁽⁴⁾	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva	—	—
PN, RDE (Test tat-Tip 1 A)	Iva ⁽²⁾	—	—	—	Iva (iż-żewġ fjuwils) ⁽²⁾	Iva (iż-żewġ fjuwils) ⁽²⁾	Iva (iż-żewġ fjuwils) ⁽²⁾	Iva (iż-żewġ fjuwils) ⁽²⁾	Iva	—	—
Emissjonijiet bil- magna mhux ingra- nata (Test tat-Tip 2)	Iva	Iva	Iva	—	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (petrol biss)	Iva (iż-żewġ fjuwils)	—	—	—

Kategorija tal-vettura	Vetturi b'magni b'positive ignition, inklużi ibridi ⁽¹⁾								Vetturi b' magni b'compres- sion ignition, inklużi ibridi	Vetturi pura- ment elettriċi	Vetturi biċ- ċellola tal- fjuwil tal- idroġenu
	Monofjuwil				Bifjuwil ⁽³⁾			Flex fuel ⁽³⁾			
Emissjonijiet mill- crankcase (Test tat-Tip 3)	Iva	Iva	Iva	—	Iva (petrol biss)	Iva (petrol biss)	Iva (petrol biss)	Iva (petrol biss)	—	—	—
Emissjonijiet evapo- rattivi (Test tat-Tip 4)	Iva	—	—	—	Iva (petrol biss)	Iva (petrol biss)	Iva (petrol biss)	Iva (petrol biss)	—	—	—
Durabbiltà (Test tat-Tip 5)	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva (petrol biss)	Iva (petrol biss)	Iva (petrol biss)	Iva (petrol biss)	Iva	—	—
Emissjonijiet f'tempe- raturi baxxi (Test tat-Tip 6)	Iva	—	—	—	Iva (petrol biss)	Iva (petrol biss)	Iva (petrol biss)	Iva (iż-żewġ fjuwils)	—	—	—
Konformità waqt is- servizz	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva	—	—
Sistema Dijanjostika Abbord	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	—	—
L-emissjonijiet tas- CO ₂ , il-konsum tal- fjuwil, il-konsum tal- enerġija elettrika u l- awtonomija elettrika	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva	Iva	Iva
Opaċità tad-duħħan	—	—	—	—	—	—	—	—	Iva	—	—
Potenza tal-magna	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva

(¹) Il-proċeduri speċifiċi tat-test għall-vetturi tal-idroġenu u għall-vetturi flex fuel bil-bijodiżil se jiġu definiti fi stadju aktar tard.

(²) Il-limiti tal-massa tal-partikulati u tal-għadd tal-partikuli u l-proċeduri tal-kejl rispettivi għandhom japplikaw biss għall-vetturi b'magni b'injezzjoni diretta

(³) Meta vettura bifjuwil tiġi kkombinata ma' vettura flex fuel, japplikaw iż-żewġ rekwiżiti tat-test.

(⁴) Għandhom jiġu ddeterminati biss l-emissjonijiet ta' NO_x meta l-vettura tkun qed taħdem bl-idroġenu.

(⁵) Aktar rekwiżiti għall-bijodiżil se jiġu definiti aktar 'il quddiem."

(b) L-Appendiċi 3 huwa emendat kif ġej:

